DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 32/2010

tat-12 ta' Marzu 2010

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 13/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2009/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-assigurazzjoni tas-sidien tal-vapuri għal pretensjonijiet marittimi ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 56v (id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XIII mal-Ftehim:

"56w. **32009 L 0020**: Id-Direttiva 2009/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-assigurazzjoni tas-sidien tal-vapuri għat-talbiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 128)."

Artikolu 2

It testi tad-Direttiva 2009/20/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-13 ta' Marzu 2010, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 101, 22.4.2010, p. 23.
([2]) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 128.

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.